MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Numru. 1370/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Carlos Falzon**

Kumpilazzjoni 1370/2010

**Illum, 27 ta’ Mejju, 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Carlos Falzon, ta’ 24 sena, bin Stephen u Catherine nee’ Zerafa, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Settembru, 1986 u residenti fil-fond Flat 24, Binja Gebel, San Martin, Zejtun u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 551386(M)

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Dicembru, 2010 ghal habta ta' 10:15hrs kif ukoll fit-22 ta' Dicembru, 2010 ghal habta ta' 09:48hrs fil-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet different, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda,

1. iddenuzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta'l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat u/jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' l-artikolu 45A(a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. u aktar talli ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' xahar prigunerija sospiza ghal sitt xhur, moghtija mill-Magistrat Dr.Jacqueline Padovani LL.D nhar l-24 ta' Marzu, 2010 liema sentenza sospiza giet estiza ghal sitt xhur ohra mill-Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D b'sentenza datata 23 ta' Gunju, 2010;
4. u aktar talli b'hekk ghamel reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' ordni ta' probation ghal zmien tlett snin li giet imposta fuqu mill-Magistrat Dr.Saviour Demicoli LL.D b'sentenza datata 23 ta' Gunju, 2010;
5. u aktar talli b'hekk renda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. u aktar talli b'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr.Audrey Demicoli LL.D fil-11 ta' Novembru, 2010, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €4,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
7. kif ukoll kiser kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr.Tonio

Micallef Trigona LL.D fis-17 ta' Dicembru, 2010, f'dan li ma jikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €4,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti, giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Carlos Falzon u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €8,000 bhala garanzija personali (f'kaz ta' zewg bails), jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes peritali li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 49, 50, 110(2) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 45A(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni lil-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat.

Illi l-imputazzjoni principali migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ simulazzjoni ta’ reat. Huwa, f’zewg okkazzjonijiet, permezz ta’ telefonata lill-linja ta’ emergenza 112, qal li f’l-edificju tal-Qorti kien hemm bomba. Dan wassal, fiz-zewg okkazzjonijiet, biex jigu sospiezi s-seduti li kienu ghaddejjin, jigi evakwat il-bini tal-Qorti, u jissejhu s-servizzi relattivi tal-Pulizija u tal-Forzi Armati ta’ Malta. B’l-agir tieghu l-imputat mhux biss ghamel uzu hazin mill-linja ta’ l-emergenza b’mod li seta’ fixkel lil xi hadd li genwinament kellu bzonn (potenzjalment f’sitwazzjoni ta’ hajja u mewt) icempel lis-servizzi ta’ l-emergenza, u mhux biss wassal ghal hafna hela ta’ rizorsi imma anke kien ta’ inkonvenjent kbir ghall-mijiet ta’ nies li (bhala partijiet jew bhala xhieda) kellhom il-kawzi taghom posposti jew addirittura differiti.

Illi l-kommissjoni ta’ dan ir-reat sar fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospieza u fi zmien meta fil-konfront ta’l-imputat kien hemm vigenti zewg degrieti ta’ helsien mill-arrest bil-kundizzjoni (f’kull wiehed minn dawn iz-zewg degrieti) li ma jaghmilx reat ta’ natura volvontarja. In oltre bil-kommissjoni ta’ dan ir-reat l-imputat kiser ukoll il-kundizzjonijiet ta’ probation moghti fil-konfront tieghu.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m’ghandha l-ebda ghazla hlif li timponi piena karcerarja effettiva ghar-reati li taghhom qed jinstab hati llum, li ddahhal fis-sehh is-sentenza sospieza ta’l-24 ta’ Marzu 2010 (kif sussegwentement estieza bis-sentenza tat-23 ta' Gunju 2010) u li titratta ma’l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fit-23 ta’ Gunju 2010 u li ghalihom tpogga taht probation.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 49, 50, 110(2) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 45A(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax il-xahar (16) prigunerija ghar-reati odjerni. B'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed idahhal fis-sehh is-sentenza sospieza ta' xahar (1) prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presedjuta f'l-24 ta' Marzu 2010 u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghzel li titratta ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fit-23 ta' Gunju 2010 daqs li kieku ghadu kif instab hati taghhom u tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija.

In oltre il-Qorti qed tirrevoka z-zewg degrieti tal-11 ta' Novembru 2010 u tas-17 ta' Dicembru 2010 rispettivament li permezz taghhom l-imputat inghata l-helsien mill-arrest u konsegwentment tordna r-riarrest tieghu. In vista tal-piena fuq mghotija l-Qorti taghzel li ma tordnax il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta taz-zewg ammonti ta' erbat elef Euro (€4,000) garanzija personali moghtija mill-imputat.

In konkluzjoni tordna lill-imputat biex fi zmien sentejn ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' hames mija sebgha u sittin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€567.58) rapprezentanti spejez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------